*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,383, 18 ta' Marzu, 2003*
*Taqsima B*

---

**A.L. 91 ta' l-2003**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T. - u Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

**Titolu**

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T. - u Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T. - u Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons) - ippubblikati bħala Avviż Legali 191 ta' l-1997, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

**Applikabilita'**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2002 'il quddiem.

**Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali**

3. Is-sottoparagrafu (ċ) li ġej għandu jidħol wara s-sottoparagrafu (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali:

"jew

(ċ) skond ir-Regolament 6.3 tar-Regolamenti għad-Dħul ikun:

(i) għadda fl-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja f'ħames suġġetti li jinkludu l-Ingliż u l-Malti; u

(ii) għadda mis-Systems of Knowledge fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; u

(iii) għadda fil-Livell Avanzat fil-Matematika Pura bi Grad Ċ jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola ta' l-Universita' jew f'livell korrispondenti ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti għad-Dħul; u

*(iv)* *jew*

(a) kiseb il-*Higher Technician Diploma* tas-*City and Guilds of London Institute* Kors Nru. 8000 fl-Inġinerija Elettrika;

*jew*

(b) kiseb id-*Diploma in Industrial Electronics*, bi Kredtu taċ-Ċentru tat-Taħriġ Fellenberg;

*jew*

(ċ) kiseb l-*Advanced Diploma in Applied Information Technology* tas-*City and Guilds of London Institute* Kors Nru. 7235;

*jew*

(d) kiseb kwalifika oħra minn Istitut rikonoxxut u kkunsidrata mill-Bord bħala ekwivalenti għal (a), (b) jew (ċ)."

**L.N. 91 of 2003**

**EDUCATION ACT**
**(CAP. 327)**

**Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T. - and Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons) - Degree Course (Amendment) Regulations, 2003**

IN exercise of the powers conferred upon him by sections 30(5) and 31(6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following regulations made by the Senate of the University of Malta by virtue of the powers conferred upon it by sections 31 and 35 of the said Act:

**Citation**

1. These regulations may be cited as the Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T. - and Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons) - Degree Course (Amendment) Regulations, 2003 and shall be read and construed as one with the Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T. - and Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons) - Degree Course Regulations, 1997, published as Legal Notice 191 of 1997, hereinafter referred to as "the principal regulations".

**Applicability**

2. These regulations shall be applicable from October 2002 onwards.

**Amendment of regulation 4 of the principal regulations**

3. The following sub-paragraph (c) shall be added after sub-paragraph (b) of paragraph (1) of regulation 4 of the principal regulations:

"or

(c) in terms of Regulation 6.3 of the Admission Regulations be in possession of:

(i) five passes in the Secondary Education Certificate Examination including English Language and Maltese; and

(ii) a pass in Systems of Knowledge at Intermediate Matriculation Level; and

(iii) a pass at Advanced Level in Pure Mathematics at Grade C or better in the Matriculation Certificate Examination of the University or at a corresponding level of other examinations recognised by Senate for the purposes of the Admission Regulations; and

(iv) *either*

(a) a Higher Technician Diploma of the City and Guilds of London Institute Course No. 8000 in Electrical Engineering;

*or*

(b) the Diploma in Industrial Electronics with Credit of the Fellenberg Training Centre;

*or*

(c) the Advanced Diploma in Applied Information Technology of the City and Guilds of London Institute Course No. 7235;

*or*

(d) any other qualification from a recognised Institute considered by the Board to be equivalent to any of (a), (b) or (c)."